MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2003

Numru 1026/2002

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Francis Grech, iben Nazzareno,
imwieled Pieta' fit-22 ta'
novembru, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-2 ta' diċembru, 2002 għal ħabta tas-1.30 p.m. mill-istabbiliment bl-isem "Paul Sciberras & Sons Discount Shopping Centre" sitwat fi Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun ikkometta serq ta' somma flus kontanti għad-dannu ta' Paul Sciberras mill-Ħamrun, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000);
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkometta reat ta' serq aggravat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta'

tmintax il-xahar priġunerija sospiżi għal erba' snin tat-13 ta' april, 2000 li ġiet imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
3. talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Is-somma misruqa mill-imputat hi ta' Lm180 u hu wiegħed li ser iħallas id-derubat.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' lulju, 2003 fejn id-derubat informa lill-Qorti li
l-imputat kien ħallsu dak kollu li serq. Id-derubat informa l-Qorti wkoll li hu ħafer lill-istess imputat.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt lira maltin (Lm100). Inoltre, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-perjodu operattiv ta' erba' snin tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-13 ta' april, 2000 jerġa jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------